LEĦEN IL-MALTI

OTTUBRU-DIĊEMBRU IS-SBATAX-IL SENA Għadd 200-202

# *FANTASIJA W ARTI*

*Editorjal tal-* Prof. Ġ. AQUILINA, B.A., LL.D., Ph.D. [Lond.]

*Xi granet ilu, bħalma nagħmel ta' kull ġimgħa, irkibt kmieni kmieni karrozza għall-Marfa minn fuq Kastilja. It-triq, friska filgħodu ftit qabel tlugħ ix-xemx, sa ma tasal toħorġok 'il bogħod mill-Belt bl-għajjat tal-bejjiegħa tagħha li dalwaqt jidħlu mill-irħula, u l-ħwienet tal-kafè u tax-xorb fejn jiltaqgħu n-nies jitkellmu fuq il-pulitka tal-ġurnata. Għal madwar tliet kwarti inti tivvjaġġa ma' nies li qatt ma kont rajt b'għajnejk, u xi drabi tiltaqa' ma' ħbiebek. Imma wkoll meta tiltaqa' ma' dawn, ladarba l-karrozza mhix qiegħda għall-kliem, xħin issib ruħek waħdek, inti tgħaddi l-ħin tħares mit-tieqa 'l barra jonkella, meta jibda jbexbex, taqra xi ktieb. Hekk għamilt jien l-aħħar li mort Għawdex. Mit-tieqa 'l barra ma qagħadtx inħares, għax it-triq, daqs kemm terraqtha, nafha ħafna. Qbadt ktieb. Kien il-volum tal-poeżiji ta' Keats, dak il-poeta żagħżugħ, sfajjar u magħlub, bħalma sfajrin u magħlubin huma t-tisiċi kollha, hekk kif fassaltu f'moħħi mir-ritratt famuż ta' R. Hilton.*

*Keats miet ħesrem, 126 sena ilu. Imma ħalla lid-dinja kollha, li għadha tħobbu, wirt ta' poeżija mill-isbaħ. Għalkemm ma kienx l-ewwel darba li qrajt għanjietu—kemm-il darba qrajthom anqas naf ingħid—jiena fraħt nerġa' naqra minnhom dak li lħaqt mat-triq. Dak li laqatni jiena u naqra u li rrid ingħidu lilkom hu li daqs kemm inqtajt għalija donni mwarrab f'dinja oħra, it-triq lanqas rajtha, u fil-karrozza kont biss bil-ġisem għax ruħi kienet timraħ naħa oħra. Taħsbux li jien it-triq ma rajthiex għax għamilt bħal dak il-bniedem imdejjaq li jorqod ħalli jwarrab id-dinja minn quddiem għajnejh u jinsa l-għawġ tagħha. Jiena ma rajtx it-triq għax, kif għedtilkom, jien u naqra ruħi daħlet f'dinja oħra—dinja isbaħ minn dik li ngħix fiha kuljum, nitħabat biex naqla' l-ħobża għall-ħajja tiegħi u ta' wliedi. Id-dinja li ruħi daħlet fiha hi d-dinja tal-fantasija li l-poeżija ddawrek fiha bħal prinċipessa li ddawrek fil-ġnien ta' missierha s-sultan.*

*Il-poema li qrajt, għalkemm ma laħħaqthiex, kienet "Lamia", poema b'versi tal-għaxra maħlula li fiha l-poeta jinseġ bil-ħjut tal-fantasija tiegħu għammiela l-ġrajja ta' Luċju, iż-żagħżugħ Grieg li ħabb it-Tfajla tal-Ġmiel, Lamia, xebba mhux ta' din id-dinja, u li tilef il-maħbuba tiegħu meta dan iltaqa' ma' l-imgħallem tiegħu, Apollonius. Allegorija ta' l-imħabba li l-ħsieb u l-għaqal huma ħafna drabi għedewwa tagħha.*

"Ah" said he,
"Why do you shudder, love, so ruefully?
Why does your tender palm dissolve in dew?"—
"I'm wearied," said fair Lamia : "tell me who
Is that old man? I cannot bring to mind
His features : — Lycius! wherefore did you blind
Yourself from his quick eyes?" Lycius replied
" 'Tis Apolonius sage, my trusty guide
And good instructor; but to-night he seems
The ghost of folly haunting my sweet dreams".

*Il-ġrajja ta' dan iż-żagħżugħ u t-tfajla tiegħu hija xogħol mill-aqwa ta' l-immaġinazzjoni ta' poeta li kien klassiku daqs kemm kieku għex u kiteb fi żmien l-allat. Imma jien mhux fuq il-ġrajja ta' daż-żagħżugħ irrid nikteb. U lanqas fuq Keats, imma fuq dak li laqatni jiena u naqra din il-poeżija; jiġifieri s-setgħa, li dak il-ħin jien għaraft fija, li għal ftit tal-ħin stajt noħroġ minn din id-dinja u nidħol f'oħra maħluqa mill-fantasija. Din mhix is-setgħa tiegħi biss, imma hija s-setgħa ta' kull bniedem. Kull wieħed minna m'għandux il-ġwienaħ tar-rix bħall-għasafar; imma wkoll mingħajr dawn il-ġwienaħ, hu jista' jitla' aktar 'il fuq minn fejn itiru l-ajkli u tajr ieħor. Jiena u int nistgħu ntiru daqshekk fil-għoli bil-ġwienaħ spiritwali li tagħtina l-fantasija. U b'dawn il-ġwienaħ spiritwali bnedmin li mietu u oħrajn li għadhom ħajjin inqatgħu mill-agħa u ttajru fuq il-quċċata tal-Ġmiel li d-dinja għadha titgħaxxaq bih. Ġmiel ta' Poeżija, ġmiel ta' Mużika, ġmiel ta' Skultura, ġmiel kull fejn jaħdem il-prinċipju ta' l-armonija li jgħaqqad il-bniedem ma' l-Idijal.*

*Tabilħaqq, x'inhija l-poeżija, jekk toqgħod tifhimha tajjeb, ħlief dinja oħra maħluqa mir-ruħ tal-poeta? Mhix id-dinja li għaliha jitqatlu s-slaten, għax il-fruntieri tagħha ma jitkejlux bil-mili bħalma jitkejlu l-wesgħat ta' art li fl-aħħar gwerra xterdet fuqhom dmija tal-waħx; imma hija dinja li ma tintmessx bl-*

*idejn, mibnija minn materjal li mhux materjali. Fiha noħolqu, fiha neqirdu, fiha nibnu, fiha nġarrfu, fiha nithennew u fiha nitnikktu. Għanja din id-dinja u l-istess allat kienu jixtiquha, isbaħ minn din id-dinja mibnija b'ġebel iebes u aħrax waħda fuq l-oħra. Issa s-sabiħ hu li waqt li din id-dinja li tintmess bl-idejn u titkejjel bil-mili mhix ta' kulħadd, u mhux kulħadd għandu rokna minnha li jista' jgħid li hi tiegħu ħlief taħt l-art meta jmut, id-dinja li ma tintmessx, id-dinja tal-fantasija li l-allat kienu jiċħdu saltnathom għaliha, tinsab f'kull wieħed minna. Imma ħafna ma jagħirfuhiex. U bħal min, għax ma jafx li għandu dar, ma jid-l-ixtiewi qalila, dawn ma jidħlu qatt mill-għatba 'l ġewwa tal-Fantasija.*

*Is-setgħa tal-ħolqien hija fija u fik, imma hi fl-aqwa tagħha fil-poeti, li mhux biss joħolqu mill-fantasija tagħhom id-dinja li ma tintmessx, imma jafu joħorġuha minn ġo fihom biex juruha lil ħaddieħor għax fil-poeti, barra s-setgħa tal-fantasija, naraw ukoll is-setgħa tal-kelma, li mhux kulħadd jaf iħaddem tajjeb. Dan hu tassew, imma hu tassew ukoll li min mhux poeta jista' jgawdi d-dinja li l-poeti joħolqu mill-fantasija ħajja tagħhom. Nistgħu għalhekk inxebbhu lill-poeta mal-bennej ta' dar sabiħa li wara li jkun tellagħha u żejjinha minn ġewwa u minn barra, idaħħal fiha l-ħbieb tiegħu biex jitgħaxxqu biha. Jiena u inti la bnejna u lanqas nafu nibnu l-palazz ta' Sant'Anton, u jekk bħali inti mintix bidwi, bħali wkoll ma tafx tħawwel u tqassam bil-gost is-siġar tal-larinġ u siġar oħra li jżejnu l-ġnien ta' madwar il-palazz li darba waħda kien l-għamara tal-Gran Mastri. Imma meta nidħlu nduruh, it-tnejn nifirħu bit-taqsim li fih u bil-ġmiel tas-siġar. Jiena anqas naf inħallat lewn ma' ieħor, imma meta mort f'Palazzo Pitti jiena tgħaxxaqt b'dak it-taħlit ta' lwien mill-isbaħ u mill-ifjen li l-aqwa pitturi tad-dinja ħarġu minnhom kwadri mill-isbaħ. Biex tgawdi bini sabiħ m'hemmx bżonn tkun bennej, biex titgħaxxaq bil-ġonna m'hemmx bżonn tkun bidwi u biex titgħaxxaq bl-arti mhemmx bżonn tkun artist. Biex tgawdi l-arti bħala espressjoni ta' l-iktar ġibdiet mistura tal-bniedem, kull ma għandek tagħmel hu li titgħallem kif tidħol fid-dinja li jibnulek l-artisti. U biex titgħallem dan kull ma għandek tagħmel hu li terħi ruħek f'idejh billi titfa' ħsiebek u xewqatek fuq l-idejiet u l-immaġinazzjoni tagħhom, sakemm tinsa d-dinja ta' madwarek.*

*Meta tagħmel dan, inti tkun għamilt dak li għamilt jiena u*

*sejjer lejn Għawdex fil-karrozza għall-Marfa. Inti tkun inqtjat mid-dinja li l-ġisem tiegħek igħix fiha, biex tidħol f'oħra fejn tgħix ruħek fil-ħinijiet tal-ġabra u tas-skiet. Fl-arti jeħtieġlek konċentrazzjoni assoluta, bħal dik il-konċentrazzjoni assoluta li jagħmlu l-qaddisin fit-talb u l-meditazzjoni tagħhom meta Alla donnu jidħol fihom u huma jidħlu Fih. Kulħadd, ftit jew wisq, jista' jagħmel dan l-att ta' konċentrazzjoni, għallinqas kwarta jew nofs siegħa kuljum. Tabilħaqq li l-konċentrazzjoni fuq ħaġa toħloq aljenazzjoni minn oħra, imma hu aktar ta' min jagħmel konċentrazzjoni fuq id-dinja sabiħa tal-fantasija għall-inqas għal ftit tal-ħin milli jitbeżża' mill-aljenazzjoni għal ftit tal-ħin mill-interessi tad-dinja.*

*L-akbar għawġ għalina l-lum hu l-ħajja mgħaġġla, mekkanizzata, materjalista. Il-qdusija u l-arti fi żmienna saru itqal milli kienu fl-imgħoddi. Imbierek hu dak il-bnedem li jagħraf jegħleb ix-xkelijiet għall-kontemplazzjoni ta' l-arti u tal-qdusija. Imbierek hu dak il-bniedem li, għalkemm jinsab imħabbat f'xogħlijiet ta' ħsieb u dwejjaq, jibqa' jżomm ftit tal-ħin kuljum għall-kontemplazzjoni tal-ġmiel fil-Mużika, fil-Pittura, fil-Poeżija u fil-kobor tax-Xjenza. Imbierek il-għaliex hu baqa' jżomm f'idejh il-muftieħ tas-saltna sabiħa tal-fantasija fejn fid-dwejjaq tiegħu jista' jidħol jistkenn mill-irwiefen li jħabbtu ma' wiċċu. Imsejken imbagħad hu dak li sar ilsir tax-xogħol u mill-erba' u għoxrin siegħa tal-ġurnata ma għandux ħila jżomm għalih in-nifsu mqar nofs siegħa għall-kontemplazzjoni tal-ġmiel fl-Arti u fix-Xjenza. Nies bħal dawn huma tassew ilsiera tal-ħajja. Jafu jikkuntjaw il-flus imma qajla jafu jikkuntjaw il-jiem t'għomorhom—li hu bluha u frugħa għax kollox f'did-dinja jgħaddi u jintemm.*

*L-imfietaħ tal-fantasija huma f'idejk. Il-bieb jinfetaħ u jingħalaq meta trid inti, basta titgħallem il-formula bħalma Ali Baba bil-formula ta' kliem sigriet tgħallem jiftaħ bieb il-Għar fejn kienu jinsabu moħbija teżori kbar. Il-fantasija hija setgħa tal-ħolqien li ħafna, jaħasra għalihom, ma jinqdewx biha għax ma jagħirfux is-siwi tagħha. Ma jagħirfux li meta bniedem jasal biex jikkontrolla l-fantasija jista' jsiefer biha fejn irid, kull xħin irid, dak il-ħin stess, lura fiż-żmien jonkella 'l quddiem fiż-żmien li għad irid jiġi, kif ukoll fl-ispazju etern. Il-fantasija mhix setgħa ta' xejn. Hija setgħa tal-għaġeb. Jekk għoxrin sena ilu mietlek ħabib int tista' tqajmu quddiem għajnejk, tarah mill-*

*ġdid, tisimgħu jitkellem, tagħraf il-ġesti tegħu. Inti tista' toħorġu mill-qabar bħalma Kristu ħareġ lil Lażżru. Ġismu ntemm; tbiddel, tħawwad mal-ħamrija, u sa għadmu therra. Imma hemm hu, arah, quddiem għajnejk, qisu ħaj. Jekk mhux ħabib jista' jkun missierek, ommok, oħtok, xi ħadd għażiż għalik. Fil-fantasija tiegħek inti tista' tqajjem il-fantasma tiegħu u terġa' traqqadha fil-qabar kull x'ħin trid, għax il-moħħ li għad ħadd ma fehmu sewwa hu forza misterjuża fil-bniedem. Kull impressjoni li ħassejna, kull idea li għamilna, kull tqanqil li ferraħna jew nikkitna sa mindu konna trabi, jinsabu kollha maħżuna ġo fina, minsija, imma għadhom hemm, u jibqgħu hemm sa ma mmutu.*

*Minn dawn l-impressjonijiet maħżuna l-fantasija tinseġ kwadri ta' hena jew ta' niket, u ħafna drabi tlaqqa' l-imgħoddi ma' li ġej jonkella xxebbaħ ix-xewqat tagħna għall-ġejjieni ma' oħrajn fl-imgħoddi. Bis-saħħa ta' din is-setgħa l-poeta jibni l-għanja tiegħu u l-mużiku bid-daqqa tagħha ħelwa li tqajjem filqalb tal-bniedem tifkiriet ta' hena jew ta' niket. Ħafna, mehdija biss bil-flus u bix-xogħol, iwarrbu l-fantasija mill-ħajja tagħhom bi nhar, imma mbagħad din tagħmel tagħha bil-lejl. Issa waqt li bi nhar il-fantasija tkun tista' tikkontrollaha bit-tmexxija tal-moħħ billi tikkonċentra fuq ħwejjeġ sbieħ, bil-lejl il-moħħ jorqod, il-fantasija, bħal xebba mqarba, imwarrba minn għajnejn ommha, titbellaħ billi tqajjem dehriet tat-twerwir jew tad-daħk, dehriet meħjutin ħażin ma' xulxin bħal libsa magħmula minn irqajja' ta' ħafna lwien.*

*Biex tħaddem il-fantasija m'għandekx bżonn ta' loppju jew tal-ħaxix bħalma kienu jagħmlu De Quincey u Coleridge. Biżżejjed, kif għedna, il-konċentrazzjoni fuq l-idea li għoġbitek, l-idea li qrajt f'dan il-ktieb, jonkella li rajt imfissra f'dan il-kwadru. Bil-fantasija inti tista' tagħti l-ħajja l-għasafar weqfin fuq siġar wieqfa f'xi kwadru li jolqtok u tisma' l-ħsejjes ta' l-Infern fil-versi ta' Dante jonkella tisma' l-għana ta' l-Anġli kif jiddeskrivihom fil-*Paradiso. *Ikkonċentra u inti tagħti l-ħajja lill-mejjet, ikkonċentra u int iċċaqlaq il-wieqaf. Int toħroġ lil Lażżru mill-qabar.*

*Jekk bħalissa rrid inġib quddiem għajnejja l-knisja "Ta' Pinu", biżżejjed naħseb fiha u nwarrab minn moħħi kull ħaġa li xxegħilni. L-istess jekk irrid inqajjem quddiem għajnejja Isola Bella u Lago Maggiore jew iċ-Ċimiterju ta' Milan, fejn m'ilnix li mort. Kull m'għandi nagħmel huwa att ta' konċentrazzjoni li*

*biha nista' nneħħi, bejni u bejn dawn, ix-xkiel taż-żmien u l-wisa'.*

*Il-fantasija toħroġ mill-konċentrazzjoni. Mingħajrha l-fantasija ma tgħixx, u s-setgħa tal-ħolqien li hemm ġo fina tibqa' mejta bħal warda li baqgħet imgeżwra ġol-fosdqa. Nistaqsu: Issa dis-setgħa tista' tiswielu xi ħaġa lill-bniedem? Jiena ngħidilkom li tista' tiswielu ħafna għall-ġid jew għad-deni bħal kull ħaġa oħra. Għall-ġid jekk jinqeda biha sewwa, għad-deni jekk jinqeda biha ħażin. Qisuha għalhekk il-fantasija bħal nuċċali. Jekk lewn il-ħġieġ hu aħmar int tara kollox aħmar, qisu qed jaqbad; jekk il-lewn hu aħdar tara kollox aħdar qisu ħaxix, u jekk il-lewn hu isfar tara wkoll kollox isfar. Hekk ukoll, jekk il-fantasija tinqeda biha biex tqajjem quddiem għajnejk dehriet ta' dwejjaq jew ta' biża' inti tispiċċa biex iddejjaq u tbażża' l-ħajja li Alla silfek f'din id-dinja; imma jekk inti tinqeda biha biex tqajjem dehriet ta' ġmiel inti ssebbaħ il-ħajja, tagħtiha dak il-ġmiel li ma jarawx l-għajnejn tal-ġisem. L-ewwel użu jagħmel il-bniedem imdejjaq; it-tieni użu jagħmel il-bniedem hieni.*

*Għalhekk il-Knisja bil-ħaqq kollu tikkundanna dawk il-kotba li quddiem l-immaġinazzjoni jqajmu dehriet ħżiena. D'Annunzio hu tassew imgħallem tal-kelma Taljana, għax minn kull kelma joħroġ nota mużikali. Imma ma hu xejn inqas imgħallem tal-fantasija mixħuta fuq għemil u impressjonijiet ta' żina. Meta wieħed jaqra l-kotba tiegħu, l-immaġinazzjoni, qaddejja ta' l-imgħallem li waqqagħha għal xogħol ħażin, ikollha tagħmel ix-xogħol li wekkielha l-awtur—ix-xogħol tal-mara ħażina. Id-don hu sabiħ. Imma minn għand Alla dan id-don ingħata soġġett għal rieda ħielsa tal-bniedem. Fi kliem ieħor Alla ta s-setgħa; il-bniedem jinqeda biha kif irid. Jekk jinqeda ħażin ħsieb ruħu. Stħajluha għalhekk bħad-doni kollha li Alla ta l-bniedem, bħal sikkina taqta'—b'din bniedem bil-għaqal jinqeda għall-bżonnijiet taddar, imma l-ibleh jinqeda bl-istess sikkina biex jidrob lil għajru. Is-sikkina maħsuba għall-użu tajjeb: jiġi mill-bniedem jekk jinqediex biha tajjeb jew ħażin.*

*Użu mill-aħjar nistgħu nagħmlu mill-fantasija jekk kemm-il-darba nifthulha l-bibien ta' dinjiet sbieħ—id-dinjiet sbieħ tal-poeżija safja, tal-mużika, ta' l-iskultura u friegħi oħra ta' sengħet il-bniedem. Tabilħaqq, wieħed li jkun għaraf is-siwi tal-fantasija jista' jiftaħar li sab dinja ġdida—dinja mhix fil-bogħod; miegħu, f'ruħu stess. Kemm ta' min ifaħħar għalhekk lil dawk il-*

*kittieba ta' ġenju li ħallewlna wirt ta' ġmiel—dinja li* ***nistgħu*** *nidħlu fiha bieх nithennew meta nħossu rwieħna magħfusin mid-dwejjaq. Keats, li kien wieħed minn dawn il-kbar, hekk faħħar lill-poeti:*

> "Bards of passion and of mirth,
> Ye have left your souls on earth!
> ......................................
> Thus ye live on high, and then
> On the earth ye live again.
> And the souls ye left behind you
> Teach us, here, the way to find you,
> Where your other souls are joying,
> Never slumbered, never cloying.
> Here, your earth-born souls still speak
> To mortals, of their little week;
> Of their sorrows and delights;
> Of their passions and their spites;
> Of their glory and their shame;
> What doth strenghten and what maim;
> Thus ye teach us, every day,
> Wisdom, though fled far away".

*Hsieb sabiħ—ruħ il-poeti mejta tinsab timraħ fost il-ġmiel tad-dinja l-oħra; imma f'din id-dinja ħallew ruħ oħra warajhom tgħallem il-ġmiel u s-sewwa li huma fittxew u ħabbu meta kienu jgħixu hawn isfel bħalna. Tistagħġbu jekk il-fantasija li ttir massema bħal ajkla nisġet versi reliġjużi mill-akbar; li sa fl-istess Bibbja, li hi l-ktieb ta' Alla, profeti bħal David u Iżajja sebbħu kliemhom bl-ilwien tal-fantasija? Jewwilla meta naqraw dak li kitbu u nikkonċentraw fuq id-dehriet li kliemhom iqajjem quddiem għajnejna, il-veritajiet ta' Alla ma jidħlux iżjed malajr f'qalbna? Minnek jonqos jekk inti ma tifhemx il-kliem għoli tagħhom. Jeħtieġ kif għedtlek li bieх tidħol fid-dinja tal-fantasija tinqata' għalik innifsek u, jekk tista', tagħlaq għajnejk, bħal meta tagħlaq fid-dlam qabel torqod.*

*Il-qaddisin iniżżlu, bieх ingħid hekk, 'l Alla fiċ-ċella tagħhom fil-ġabra ta' moħħhom billi dejjem jaħsbu fuqu, bħalma għamlu, fost qaddisin oħra li kitbu poeżija, San Juan de la Cruz u Santa Tereża fi Spanja u San Franġisk d'Assisi fl-Italja. Bieх tgħix ħajja sħiħa jeħtieġ tgawdi mis-setgħat kollha li inti għandek ġo fik. Dawn flimkien jagħmlu l-personalità tie-*

*għek. Aktar ma tiftaħhom aktar tikber il-personalità tiegħek li tikber ftit ftit sa ma tiftaħ għal kollox bħalma tiftaħ warda fi żmienha. Warda li ma tiftaħx għal kollox ma tidher qatt fl-aqwa tagħha; ikun dejjem jonqosha xi ħaġa. Hekk ukoll il-personalità tiegħek magħluqa u mfixkla.*

*Dan li ktibt jista' jidhirlek maqtugħ mill-bidu tiegħu. Forsi inti ma fhimtx il-għaliex kelli nibda mill-mawra tiegħi l-Marfa biex ingħidlek dan kollu, u jista' jkun li lanqas fhimt x'ridt ingħid sewwa. Bdejt mill-mawra tiegħi l-Marfa, il-għaliex il-ħsieb li nikteb fuq dan is-suġġett ġieni fil-karrozza jiena u sejjer lejn Għawdex, meta biex ma niddejjaqx, qbadt naqra l-poema* Lamia *ta' Keats, u ġrali li mhux biss ma ddejjaqtx imma li xtaqt li t-triq kienet itwal biex ruħi kienet tista' tibqa' tiġri fid-dinja maħluqa mill-poeta Keats, dinja mimlija bl-egħġubijiet ta' l-allat. Għal dak il-ħin li domt maqtugħ mid-dinja li ngħixu fiha kuljum jiena ħassejtni ferħan bħal ma jifraħ bniedem għajjien li jidħol jistrieħ fi ġnien ta' ward sabiħ u siġar għoljin. U għidt bejni u bejn ruħi: "Kos, kemm hu ibleh il-bniedem li għandu setgħa bħal din fih, u ma jinqediex biha? U mhux biss ma jinqediex biha imma ħafna lanqas biss jafu xinhi u kif taħdem!" U żidt naħseb kemm kienet tkun ħaġa sewwa għall-ftuħ tal-moħħ, tal-qalb u l-kobor tal-personalità tagħna kieku nitgħallmu naqraw hekk sewwa li nġibu quddiem għajnejna dak li naqraw, id-dehriet kollha, qishom il-pellikoli kif jidhru fuq il-liżar ta' teatru, waħda wara l-oħra imma lkoll marbutin flimkien kif rabbiethom il-fantasija tal-poeta. Kieku kellna naqraw id-*Divina Commedia *ta' Dante b'din il-konċentrazzjoni u tħaddim ta' fantasija, kieku ruħna, bħal ta' San Pawl, kienet titla' sat-tielet sema u tinżel ukoll fl-Infern u fil-Purgatorju.*

*Dak li għedt għall-fantasija mqanqla mill-poeti jgħodd għall-fantasija mqanqla minn kull fergħa ta' l-Arti. Issa l-bniedem minn rajh ifittex il-hena, li hu warda maħruġa mix-xitla tal-Ġmiel u tas-Sewwa. Mela la mill-fantasija nistgħu noħolqu dehriet ta' hena, minna jonqos jekk ma ninqdewx tajjeb bil-wirt li l-ġenju tal-bniedem ħallielna fl-arti, li huma x-xitel tal-ġmiel u s-sewwa li minnhom joħroġ il-hena tal-bniedem u madwarhom iddur in-naħla, issoff u ġġorr il-għasel—in-naħla li hija l-fantasija li terda' u ġġorr il-ħlewwa mix-xogħol tal-ġenju tal-bniedem.*